MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Referenza Kostituzzjonali Numru. 69/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Tyrone Fenech**

B’digriet moghti fl-1 ta’ Dicembru 2009, il-Qorti tal-Magistrti (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ordnat riferenza fuq talba ta’ Tyrone Fenech li saret b’rikors prezentat fil-11 ta’ Gunju 2009. Fenech jilmenta li peress li l-ligi ma kenitx tipprovdi ghad-dritt ta’ access ghall-avukat waqt li suspettat ikun detenut mill-Pulizija u jkun irrilaxxa stqarrija minghajr ma kellu dritt jikkonsulta ma’ avukat ta’ fiducja tieghu, jissarraf fi ksur tad-drittijiet

fundamentali protetti fl-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. L-ilment tieghu hu bazat fuq is-sentenza li nghatat mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' Salduz.

Fit-28 ta' Dicembru 2009, Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali pprezentaw twegiba fejn fil-qasir qalu:-

i. L-assistenza minn avukat m'huwiex dritt generali tal-akkuzat. Id-dritt ta' smiegh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita' tal-proceduri kriminali u mhux fir-rigward ta' mument partikolari.
ii. Hu prematur li jinghad li f'dan il-kaz hemm ksur tad-dritt ghall-smiegh xieraq ghaliex il-kaz ghadu pendenti (ara ***Imbrioscia v Switzerland***).
iii. Fil-kaz **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** deciza mill-ewwel qorti fid-9 ta' Ottubru 2009, il-qorti kkonkludiet li ma kienx hemm ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq, f'kaz b'fatti kwazi identici[1].
iv. Il-kaz ta' Salduz kien differenti mill-kaz prezenti, fejn fit-Turkija kien hemm ligi li tirregola l-materja.
v. L-istqarrija saret volontarjament u ma kenitx obbligata li titkellem tant li nghatat twissija. Meta gew prezentati l-istqarrijiet ma oggezzjonatx ghalihom.

Dan il-kaz qieghed jimxi kontestwalment ma' kaz iehor deciz illum fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Amanda Agius** (68/2009), fejn ic-cirkostanzi huma identici in kwantu Fenech ghamel stqarrija lill-pulizija fl-10 ta' Frar 2004 u li giet prezentata fl-ewwel seduta tal-proceduri kriminali li saret fit-12 ta' Jannar 2009. Jirrizulta li fiz-zmien meta sehh il-kaz, Amanda Agius u Tyrone Fenech kienu jiffrekwentaw lil xulxin. Fl-istqarrija, Fenech ammetta li kien:-

i. Ibiegh pilloli ecstasy. Mistoqsi kemm biegh wiegeb: *"Xi mitejn b'kollox"*.

[1] B'sentenza li nghatat mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April 2011, il-qorti rrevokat is-sentenza tal-ewwel qorti u ddikjarat li kien hemm lezjoni tad-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq kif protett fl-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

ii. Ilu bejn 4 u 5 xhur jaghmel uzu minn pilloli ecstasy u jpejjep ukoll il-haxixa.

Fil-proceduri hemm ukoll traskrizzjoni ta' stqarrija guramentata li ghamel Fenech quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-12 ta' Frar 2004 fejn rega' kkonferma li kien biegh pilloli ecstasy, u implika nies ohra.

Sabiex ma ssirx ripetizzjoni bla bzonn, il-qorti tiddikjara li r-ragunament li ghamlet fis-sentenza li qeghda tinghata llum, qieghed jigi applikat *mutatis mutandis* ghal dan il-kaz.

Fis-sentenza ta' Salduz, il-Qorti Ewropea osservat li:-

*"In order for the right to a fair trial to remain sufficiently 'practical and effective' ..... Article 6 1 requires that, as a rule,* ***access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police****, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right.... The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."*.

Ghal dak li jirrigwarda l-istqarrija guramentata li saret quddiem il-Magistrat Inkwirenti (12 ta' Frar 2004), m'huwiex kontestat li Fenech ghamilha b'mod volontarju quddiem awtorita gudizzjarja. Awtorita li hi indipendenti mill-ezekuttiv u li m'hijiex parti fil-process kriminali. Madankollu b'daqshekk ma jidhirx li l-principju stabbilit fil-kaz ta' Salduz ghandu japplika biss ghal dak li s-suspettat ighid lill-pulizija. Fit-traskrizzjoni jinghad li l-istqarrija saret fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-presenza tal-ufficjal tal-pulizija li kien qieghed jinvestiga l-kaz. M'hemmx dubju li f'dak l-istadju Tyronne Fenech kien suspettat mehud in konsiderazzjoni l-istqarrija li ghamel mal-pulizija fl-10 ta' Frar 2004, fejn ammetta li biegh pilloli ecstasy u fejn ikkonferma li kien lest li jikkonferma bil-gurament dak kollu li qal. Fl-istqarrija tat-12 ta' Frar 2004 jidher li l-enfazi kienet fuq terzi, u lil Fenech sarulu domandi bhala

persuna infurmata b'fatti li kienu rilevanti ghall-investigazzjoni ghal dak li jikkoncerna bejgh ta' droga minn terzi, fosthom ommu (Jacqueline Fenech). Madankollu saru wkoll xi domandi fejn jirrizulta bic-car li Fenech kien qieghed jammetta li jbiegh l-ecstasy. Pero' m'huwiex car jekk f'dak l-istadju Fenech kienx taht arrest. Mit-traskrizzjoni jidher li fl-10 ta' Frar 2004 Fenech kien diga' ghamel stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti (ara wkoll il-bidu tal-kopja tal-process verbal li tinsab fl-atti tal-process a fol. 20 u minuti ta' dak li gara fit-13 ta' Frar 2004 quddiem il-Magistrat Inkwirenti). Fit-traskrizzjoni tal-istqarrija tat-12 ta' Frar 2004 jinghad: *"Taf x'ghidtlek l-ahhar darba tal-caution u mhux caution li ghandhek dritt ma tirrispondix jekk bir-risposta tkun ser titfa htija kriminali fuqek nnifsek. Ghidtlek x'inhu l-gurament li ma tistax tigdeb bil-gurament."*. Madankollu fl-atti hemm biss stqarrija guramentata wahda. Inoltre, fil-bidu tat-traskrizzjoni jinghad: *"Tyron Fenech **riprodott** bil-Malti bil-gurament jghid....."*. Kliem li jkompli jaghti lill-qorti x'tifhem li din kienet it-tieni stqarrija. Mit-traskrizzjoni hemm indikazzjoni li l-istqarrija tat-12 ta' Frar 2004 saret wara li Fenech kien gie rilaxxat mill-kustodja tal-pulizija peress li jinghad*"Staqsejtek minn meta gejt rilaxxat minn hawn hekk minghand il-pulizija sa llum lil min kellimt b'din l-investigazzjoni (?). Lill mummy ovja, lil Owen, lil Christian li jghidulu l-Luda....."*. Pero ma jirrizultax kif Fenech wasal biex ghamel it-tieni stqarrija, fis-sens jekk kienx rega' gie arrestat mill-pulizija u ttiehed id-depot ghall-iktar investigazzjoni jew inkellha mitlub jattendi l-Kwartieri Generali tal-pulizija sabiex isirulu domandi ulterjuri mill-Magistrat li kienet qeghda tmexxi l-inkjesta. Jekk Fenech gie nfurmat minn qabel biex imur il-Kwartieri Generali sabiex iwiegeb ghal xi domandi ulterjuri li riedet taghmillu l-Magistrat, ma kien hemm xejn x'izommu milli jikkonsulta ruhu ma' avukat sabiex jiehu parir u flimkien mal-avukat iqies il-konsegwenzi fuq il-proceduri kriminali li setghu jittiehdu kontra tieghu. Ovvjament jekk rega' gie arrestat wara r-rilaxx tieghu, ma kellux l-opportunita li jikkonsulta ma' avukat qabel it-tieni stqarrija. F'dan il-kuntest il-qorti ser taghti direzzjoni fil-parti dispozittiva.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi li:-**

**1. Kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali ta' Tyrone Fenech protett mill-Artikolu 6(3)(c) abbinat mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan peress li ma kellux dritt ghall-access ta' avukat qabel sarulu domandi mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz u li wassal sabiex jaghmel stqarrija fl-10 ta' Frar 2004. Tiddikjara li dan japplika wkoll fir-rigward ta' stqarrija guramentata li seta' ghamel Fenech lill-Magistrat Inkwirenti fiz-zmien li kien taht arrest.**

**2. Tiddikjara li fil-kors tas-smiegh tal-proceduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Tyrone Fenech (416/2008) m'ghandux isir uzu ta' stqarrijiet li seta' ghamel fil-perjodu li Fenech kien taht arrest.**

**3. Peress li l-kaz ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tqies li ghandha tkun dik il-qorti li taghti ordni <u>li tkun konformi</u> ma' dak li gie deciz f'din is-sentenza, dwar x'ghandu jsir mill-istqarrijiet li jinsabu fl-atti. Il-qorti li quddiemha qieghed jinstema l-kaz ghandha tqies ukoll jekk l-istqarrija guramentata li saret quddiem il-Magistrat Inkwirenti fit-12 ta' Frar 2004 ittiehditx meta Fenech kien taht arrest, sabiex taghti l-ordni opportuna in konformita ma' din is-sentenza.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet**.

**Tordna lir-Registratur sabiex jibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li quddiemha qieghed jinstema' l-kaz, flimkien mal-atti tal-proceduri kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------